MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1153/1974/1

**Francesco CARUANA**

**vs**

**Nażżareno CARUANA, Ġanni, Annunzjata mart Alfred Brownrigg, Carmelo, Catarina mart Emanuele Galea, aħwa Caruana, ulied il-mejta Ġużeppa mart Nażżareno Caruana, Ġużeppa armla ta' Emanuele Caruana bħala tutriċi ta' wliedha minuri Mario, Margaret, Mary Rose, Conċetta, Josephine, Nażżarena u Emanuela aħwa Caruana ulied il-mejjet Emanuele u b'Degriet tad-dsatax (19) ta' Ġunju, 1998, ġew imsejħa fil-kawża Lawrence Caruana u Lily Sammut ulied il-mejjet Emanuele Caruana, u Maria Dolores, Joseph u Grazia aħwa Caruana ulied il-mejjet l-imsemmi Emanuele Caruana, u Avukat Dottor Ian Refalo u P.L. Paul Izzo Clark b'degriet tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru, 1974, nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-imsefrin Maria mart Enrico Grech u John Caruana lkoll bħala eredi immediati u mediati tal-imsemmija**

**Ġużeppa mart Nażżareno Caruana, u b'degriet tal-erbatax (14) ta' Awissu, 1985, il-P.L. Edgar Montanaro assuma l-atti bħala kuratur deputat minflok P.L. Paul Izzo Clark li miet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazjoni mressaq fid-9 ta' Diċembru, 1974, li bih l-attur ippremetta:

Illi Giuseppa mart Nazzareno Caruana omm l-attur mietet fl-20 ta' Frar 1963 b'testment unica chart li għamlet mal-konvenut Nazzareno Caruana fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel tad-9 ta' Frar 1963 li bih ħalliet l-leġittima lill-attur;

Illi l-attur għandu interess ikun jaf il-konsistenza ta' l-assi ereditarju ta' ommu;

Illi wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun:

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

M'għandux jigi likwidst l-assi ereditarju ta' ommu billi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-beni immobili u mobili fil-krediti u flus li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża biex l-attur jieħu l-leġittima li jmissu skond il-liġi;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 1969 kontra l-konvenuti li huma imħarrka għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda u n-Nota tad-Dokumenti tal-attur, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-3 ta' Frar, 1975, li biha l-imħarrkin eċċepew:

Illi huma ma jopponux it-talba attriċi basta jiġu nklużi l-beni li diġa' ħa l-attur;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Frar, 1975, li biha l-Kuraturi Deputati eċċepew:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

Rat id-Degriet tal-11 ta' Frar, 1975, li bih l-Avukat Joseph Buttiġieġ inħatar Perit Legali biex jirrelata dwar it-talba attriċi wara li jieħu qies tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin u jagħmel il-likwidazzjonijiet meħtieġa;

Rat id-Degriet tat-12 ta' Mejju, 1977, li bih u fuq talba tal-Perit Legali, ħatret lill-Arkitett Joseph Huntingford bħala Perit Tekniku biex jgħin lill-Perit Legali;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrkin fl-1 ta' Ġunju, 1977[1], li baqa' ma ġiex dekretat finalment;

Rat ir-Rikors imressaq mill-attur fil-11 t'Ottubru, 1983[2], li bih talab li ssir il-leġittimazzjoni tal-atti minħabba li l-imħarrek missieru miet matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama';

Rat id-Degriet mogħti waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 1984[3], li bih ordnat lill-attur iressaq id-dokumenti hemm imsemmija;

Rat id-Degriet tat-28 ta' Novembru, 1985[4], li bih il-Qorti (diversament presjeduta) ħatret lill-Avukat Rudolph Saliba bħaħa Perit Legali minflok l-Avukat Joseph M. Buttiġieġ,

[1] Paġ. 32 tal-proċess
[2] Paġ. 65 tal-proċess
[3] Paġ. 86 tal-proċess
[4] Paġ. 96 tal-proċess

fuq talba magħmula mill-istess Avukat Buttiġieġ b'rikors tiegħu tal-5 ta' Novembru, 1982[5];

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 t'April, 1988[6], li fih ġie dikjarat li l-periti ġudizzjarji kienu qegħdin jiktbu r-rapport;

Rat id-Degriet tal-11 t'Ottubru, 1988, li bih il-Qorti ħatret lil-Avukat Marco Grixti bħala Perit Legali minflok il-mibki Avukat Rudolph Saliba;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Frar, 1992, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-Degriet tal-25 ta' Marzu, 1992, li bih il-Qorti reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-Degriet tas-16 ta' Ġunju, 1995, li bih il-kawża reġgħet tħalliet *sine die*;

Rat id-Degriet tat-18 ta' Settembru, 1995, li bih il-Qorti reġgħet qegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-Degriet tal-25 ta' Ġunju, 2001, li bih il-Qorti ħatret lill-Perit Arkitett Godwin Abela biex jagħmel stima tal-postijiet;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Tekniku Godwin Abela fl-14 ta' Diċembru, 2001[7], minnu maħlufa fit-22 t'April, 2002;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrka Catherine Galea fis-26 ta' Frar, 2002[8], b'dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Frar, 2003, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu noti ta' sottomissjonijiet dwar il-kriterji tal-valutazzjoni tal-ġid tal-wirt għall-finijiet ta' leġittima;

---

[5] Paġ. 153 tal-proċess
[6] Paġ. 104 tal-proċess
[7] Paġġ. 222-6 tal-proċess
[8] Paġġ. 215-9 tal-proċess

Rat li l-partijiet naqsu li jressqu Noti kif minnhom stess mitluba saż-żmien mogħti lilhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar il-punt fuq imsemmi, u jiġifieri "ż-żmien li għandu jitqies għall-finijiet ta' likwidazzjoni tal-assi ereditarji li a bażi tiegħu għandha tinħadem il-kwota tal-leġittima u dan b'riferenza għall-proprjeta' msemmija fil-kuntratt ta' bejgħ tat-3 ta' Lulju, 1985";

Rat id-Degrieti tagħha tat-22 ta' Mejju, 2003, u tad-9 t'Ottubru, 2003, li bihomħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmi punt;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' leġittima. L-attur fittex lil missieru u lil ħutu biex jingħata l-leġittima li hija mogħtija lilu bil-liġi mill-wirt ta' ommu;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin ma ressqux oppożizzjoni: qalu biss li, biex tinħadem kif imiss il-kwota ta' leġittima li l-attur jippretendi, għandu jiddaħħal lura fil-wirt dak li l-attur kien diġa' ngħata;

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax kif kawża fejn ma kienx hemm kontestazzjoni vera u proprja tiġġebbed għal żmien hekk twil ta' qrib tletin sena fuq ħwejjeġ li ma jidhirx li kienu juru kumplikazzjoni partikolari, u biex issa, kulma qiegħed jintalab huwa deċiżjoni dwar ċirkostanza li seħħet madwar għaxar snin wara li nfetħet il-kawża !;

Illi l-fatti li fuqhom tinbena l-kawża juru li omm l-attur, Ġużeppa Caruana, mietet testata fl-20 ta' Frar tal-1963[9]. B'testment *unica charta* emendatorju u b'żieda li hija għamlet ma' żewġha (l-imħarrek Nażżareno Caruana) ftit jiem qabel mewtha, omm l-attur ħallietlu biss il-jedd għal-leġittima.[10] L-imsemmija Ġużeppa u Nażżareno Caruana kienu għamlu testment *unica charta* fl-24 ta' Settembru,

[9] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[10] Nota f'paġ. 9 tal-proċess

1947[11]. Dan jirriżulta billi f'Jannar tal-1973, l-attur ressaq talba quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, biex dik il-Qorti tordna l-pubblikazzjoni ta' stralċ tat-testment *unica charta* għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet testamentarji tal-omm u min-Nota mressqa min-Nutar li ippubblika t-testment in kwestjoni ħareġ li lill-attur tħalliet biss il-porzjoni leġittima tal-wirt ta' ommu Ġużeppa Caruana, u dan għar-raġuni msemmija fl-istess testment[12]. Fid-9 ta' Diċembru, 1974, infetħet il-kawża;

Illi l-mejta kellha sehem tan-nofs mhux maqsum minn tliet (3) postijiet f'Ħal Tarxien[13]: wieħed f'numri għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) Triq Birbixkilla; ieħor f'numru sebgħa u tletin (37) Sqaq Numru Wieħed fl-imsemmija Triq; u ieħor bl-isem "*Tosca House*", Triq l-Iskola[14]. Minbarra dan, kellha xi ġid mobbli konsistenti f'depożitu;

Illi, wara li tressqet il-kawża, ġara wkoll li fl-1982[15] miet l-imħarrek Nażżareno Caruana, missier l-attur. Il-wirt tiegħu huwa regolat b'testment magħmul fid-9 ta' Diċembru, 1978[16], li bih ħassar kull testment li hu kien għamel qabel dak inhar. L-atti tal-kawża għaddew f'isem tal-imħarrkin l-oħrajn. Fit-3 ta' Lulju, 1985[17], l-imħarrka Catherine Galea, oħt l-attur, biegħet il-post f'numri 20/21 Triq Birbixkilla, Ħal Tarxien, lil wieħed Carmelo Cauchi għal ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000), iżda li fuq il-kuntratt tħallset biss ħamsin lira Maltin (Lm 50) u l-bqija jitħallsu lilha b'rati ta' mhux anqas minn għoxrin lira Maltin (Lm 20) kull xahar. Dan il-post kien tħalla lill-imsemmija Catherine Galea mill-ġenituri tagħha b'titolu ta' (pre)legat;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt dwar il-kriterju tal-iffissar tas-sehem tal-leġittima</u> huma determinati mit-talba magħmula mill-partijiet fir-rigward tal-post bin-numri 20/21, Triq Birbixkilla, Ħal Tarxien, li, kif ingħad inbiegħ mill-imħarrka fl-1985, wara l-mewt ta' missierha. Din is-sentenza qegħda tingħata biss dwar liema kriterju għandu

[11] Dok "FC2", f'paġġ 253-5 tal-proċess
[12] Dok "FC3", f'paġġ. 256-8 tal-proċess
[13] Dok "FC1", f'paġġ. 249 *tergo* u 250 *tergo* tal-proċess
[14] Ara verbal seduta peritali 29.12.1976, f'paġ. 149 tal-proċess
[15] Dok "PQ", f'paġ. 81 tal-proċess
[16] Dok "FC5", f'paġġ. 264-6 tal-proċess
[17] Dok "FC4", f'paġġ. 259-263 tal-proċess

jittieħed biex jiġi stmat is-sehem tal-attur leġittimarju dwar l-imsemmi fond li kien jagħmel biċċa mill-wirt ta’ ommu: jiġifieri jekk l-imsemmi post għandux jiġi stmat skond kemm kien jiswa meta l-wirt (ta’ ommu Ġużeppa Caruana) nfetaħ, jew jekk għandux jiġi stmat skond kemm jiswa llum;

Illi l-imħarrkin isostnu l-pożizzjoni li l-leġittima trid titqies fuq il-valur tal-wirt ta’ ommhom fil-waqt ta’ mewtha, jiġifieri ta’ meta nfetħet is-suċċessjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, l-atturi jinsisti li s-sehem għandu jinħadem bil-valuri li l-assi tal-wirt iġibu jekk kieku kellhom jiġu stmati llum;

Illi l-liġi tqis il-leġittima bħala parti mill-ġid tal-mejjet u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju m’huwiex sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta’ djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b’leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[18]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet;

Illi jsegwi li l-leġittima trid tingħata *in natura*, jiġifieri tkun magħmula minn kull ħaġa mill-ġid tal-mejjet li jew tkun għadha tagħmel parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew tkun iddaħħlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b’liberalita’ minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Il-leġittima tinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b’xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta’ ż-żwieġ[19]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[20] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[21], u tingħata fi proprjeta’ sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[22];

[18] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[19] Art. 620(3) tal-Kap 16
[20] Art. 620(2) tal-Kap 16
[21] Art. 620(4) tal-Kap 16
[22] Art. 620(1) tal-Kap 16

Illi fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji ewlenin dwar l-istitut tal-leġittima, il-Qorti sejra tqis il-kwestjoni li għandha quddiemha llum billi tagħmel riferenza għas-sentenza msemmija mill-abbli difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni tiegħu u li jidher li għadha tgħodd għall-każ fiż-żminijiet tal-lum. F’dik is-sentenza[23] jidher li ngħarfu żewġ sitwazzjonijiet partikolari f’każ fejn tintalab il-leġittima: l-ewwel każ hu dak li jikkontempla l-aljenazzjoni mill-werrieta ta’ biċċa mill-ġid tal-wirt wara l-ftuħ tiegħu (u waqt li kien għaddej is-smigħ tal-kawża), filwaqt li t-tieni każ hu dak li jikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-ġid li minnu kellha tittieħed il-leġittima baqa’ kollu f’idejn il-werrieta. Fl-ewwel ipoteżi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-ġid hekk trasferit kellu jitqies bħala dak taż-żmien meta sejra tiġi likwidata l-kwota leġittimarja bis-sentenza. Fil-każ tat-tieni ipoteżi, il-valur tal-ġid kellu jkun dak fiż-żmien li nfetaħ il-wirt, u b’mod iżjed preċiż: “li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta’ komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta’ riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b’rifless ta’ dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f’dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni”[24];

Illi jidher li għal din ir-regola hemm eċċezzjoni fil-każ fejn il-ġid li jkun imiss lil-leġittimarju jitgħarraq għal raġuni jew kawża fortuwita jew minħabba *force majeure* li għaliha l-werriet ma jkunx jaħti jew fejn il-werriet ma jkunx jaħti għad-dewmien biex il-leġittimarju jitqiegħed fil-pussess tal-ġid li jmissu bħala leġittima. F’dawn il-każi, hemm il-fehma li l-leġittima għandha titqies fuq kemm ikun sar jiswa dak il-ġid fil-kundizzjoni li jkun ġie ridott, salv kull

[23] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et*** (mhix pubblikata), li qalbet sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-21.2.1969 li kienet rabtet mal-kriterju tal-valur fiż-żmien is-sentenza ta’ likwidazzjoni

[24] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)

jedd li l-leġittimarju jieħu sehem minn xi kumpens li jista' jitħallas dwar il-ħsara mġarrba minn dak il-ġid[25];

Illi minn dak li jirriżulta li seħħ f'din il-kawża, tapplika l-ewwel ċirkostanza msemmija iżjed 'il fuq, u jiġifieri l-każ tat-trasferiment min-naħa tal-imħarrka ta' wieħed mill-postijiet li kien jagħmel biċċa mill-wirt tal-omm u li, għalhekk, kellu jingħadd għall-finijiet tal-kwota tal-leġittima li jistħoqqlu l-attur. Il-Qorti tqis ukoll li huwa minnu li l-attur ħa s-snin biex fetaħ il-kawża minn meta mietet ommu, iżda huwa daqstant ieħor minnu li l-imħarrka Catherine Galea ittrasferiet il-fond meta kienet taf bil-kawża u ħadet sehem attiv fiha. Bħala puntwaliżżazzjoni ta' fatti li jinstabu fl-atti tal-kawża, jirriżulta li n-nofs mhux maqsum tal-imsemmi post ġie stmat mija u ħamsa u sebgħin lira Sterlina (# 175) fid-denunzja tas-suċċessjoni tal-omm; elf seba' mija u ħamsin lira Maltin (Lm 1750) fid-denunzja tas-suċċessjoni tal-missier (l-imħarrek Nażżareno Caruana) u elfejn lira Maltin (Lm 2,000) mill-Perit Tekniku Joseph Huntingford, maħtur minn din il-Qorti[26];

Illi b'żieda ma' dan ukoll, il-Qorti tqis li japplikaw ħafna l-osservazzjonijiet magħmulin mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża iżjed qabel ċitata, u ma ssibx raġuni għaliex għandha titbiegħed minnhom biex tilħaq il-fehma tagħha dwar x'għandu jkun il-kriterju applikabbli fil-każ tal-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** li l-kriterju li għandu jittieħed biex jiġi maħdum il-valur tal-leġittima dovuta lill-attur mill-post numru 20/21, Triq Birbixkilla, Ħal Tarxien, mibjugħ mill-imħarrka Catherine Galea fit-3 ta' Lulju, 1985, u jiġifieri matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama' huwa dak li jqis is-siwi tal-imsemmi post skond iż-żminijiet tal-lum;

L-ispejjeż jiġu deċiżi mas-sentenza tal-aħħar.

---

[25] Ara App. Ċiv. **10.5.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472**)
[26] Ara Notament b'deskrizzjoni u stima f'paġġ. 239-240 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------